

# IS-SISTEMA TA' INFORMAZZJONI SCHENGEN

tiggarantixxi l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja

Is-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)** hi sistema tal-IT li tipproteġi l-libertà u s-sigurtà tiegħek fiż-żona Schengen.

Is-SIS tappoġġja l-**operazzjonijiet**:
- tal-gwardji nazzjonali tal-fruntiera
- tal-pulizija
- tal-awtoritajiet doganali
- tal-awtoritajiet tal-immigrazzjoni, u
- tal-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

L-aċċess għas-SIS jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jivverifikaw allerti dwar persuni jew oġġetti mfittxija fiż-żona Schengen. L-aċċess għad-data tas-SIS hu **limitat għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti**. Is-SIS ġiet aġġornata u tinkludi elementi ġodda.

## Tipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli



Il-**kategoriji ta' allerti dwar tfal f'riskju ta' ħtif u dwar persuni vulnerabbli f'riskju** issa huma parti mis-SIS. Dawn l-allerti se jgħinu biex jiġi evitat li t-tfal jiġu maħtufin u milli jittieħdu barra mill-pajjiż b'mod illegali. Dawn il-kategoriji jikkomplementaw **l-allerti dwar persuni neqsin**. L-informazzjoni dwar dawn it-tipi ta' allerti hi disponibbli għal skambju immedjat bejn il-punti ta' kuntatt nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-persuni neqsin jistgħu jiġu identifikati wkoll bis-saħħa tal-marki tas-swaba', jew tad-DNA fejn il-marki tas-swaba' ma jkunux disponibbli.

## Issaħħaħ il-koperazzjoni

Is-SIS tagħti informazzjoni lill-awtoritajiet dwar ir-raġunijiet għal **allerti dwar persuni u oġġetti mfittxija, u dwar l-azzjonijiet meħtieġa**. It-timijiet tal-Frontex u aktar awtoritajiet nazzjonali kompetenti issa għandhom aċċess għal din id-data.

Ġew introdotti regoli aktar ċari u strutturi mtejbin għall-**iskambju ta' informazzjoni supplimentari** permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni relatata mis-SIS fil-pajjiżi ta' Schengen (l-Uffiċċji SIRENE). Il-Europol issa jista' jiskambja informazzjoni dwar allerti li jikkonċernaw reati terroristiċi, u reati li jaqgħu fil-mandat tiegħu direttament ma' dawn il-punti ta' kuntatt nazzjonali.

## Timmaniġġja l-migrazzjoni irregolari

Il-**kategorija l-ġdida ta' allerti dwar deċiżjonijiet ta' ritorn u l-għodod imtejbin għal identifikazzjoni aħjar ta' ċittadini mhux tal-UE** soġġetti għal dawn l-allerti se jgħinu biex tiġi indirizzata l-migrazzjoni irregolari. Is-SIS tippermetti lill-awtoritajiet ifittxu u jivverifikaw, bl-użu tal-marki tas-swaba', jekk ċittadini mhux tal-UE li jkunu qed jiġu vverifikati jkollhomx id-dritt li jidħlu jew jibqgħu fl-UE. Is-SIS se jkun fiha wkoll data dwar dokumenti ffalsifikati, inklużi dokumenti tal-ivvjaġġar u stickers tal-viża.

## Tiġġieled il-kriminalità

Il-kooperazzjoni u l-ixxerjar tal-informazzjoni huma essenzjali għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u biex tiġi żgurata l-ġustizzja.

Is-SIS hi waħda mill-aktar sistemi tal-IT effettivi fl-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Il-pajjiżi ta' Schengen jużaw is-SIS għall-**ħruġ ta' allerti għall-arrest ta' persuni mfittxija** għal prosekuzzjoni jew kundanna għal reati **relatati mat-terroriżmu jew reati kriminali serji.**

Il-pajjiżi ta' Schengen jużaw ukoll is-sistema biex joħorġu allerti għal kontrolli fuq persuni li wettqu, jew li x'aktarx iwettqu reati kriminali serji, u dwar ċerti oġġetti konnessi ma' dawn ir-reati. L-awtoritajiet nazzjonali joħorġu allerti biex isibu u jipproteġu: il-persuni neqsin; il-persuni vulnerabbli f'riskju li jeħtieġ li ma jitħallewx jivvjaġġaw jew jittieħdu barra mill-pajjiż; u l-persuni li meħtieġa jassistu fil-proċeduri ġudizzjarji, inklużi x-xhieda, l-imputati jew il-vittmi tal-kriminalità. Huma jistgħu joħorġu allerti biex jidentifikaw awturi mhux magħrufin ta' reati terroristiċi jew delitti serji bl-użu ta' marki tas-swaba' u marki tal-pala tal-id. L-awtoritajiet nazzjonali jużaw ukoll is-SIS biex isibu oġġetti mfittxija għas-sekwestru jew għall-użu bħala evidenza fi proċedimenti kriminali.





## Tissalvagwardja drittijietek

Is-SIS fiha data personali ta' persuni soġġetti għal allerti. It-tipi ta' data li jistgħu jiġu pproċessati fis-SIS jissemmew fil-liġijiet tal-UE. Id-data personali tiġi pproċessata wkoll meta individwu jiġi ċċekkjat mas-SIS. Dan jiġri pereżempju, meta tidħol fiż-żona Schengen jew meta titwaqqaf mill-pulizija għal verifika fit-triq. Is-SIS tiggarantixxi d-dritt tal-individwi li: **jaċċessaw id-data tagħhom; jikkoreġu data mhux preċiża; iħassru data maħżuna illegalment** fis-sistema. Barra minn hekk, persuna li tkun soġġetta għal allert għal rifjut ta' dħul u ta' soġġorn jew għal allert dwar ritorn għandha tiġi infurmata kif xieraq (**id-dritt għall-informazzjoni**).

Il-persuni kollha soġġetti għal allert għandhom ukoll id-dritt li: jilmentaw mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data jew il-qrati; u jistgħu jiksbu kumpens għal kwalunkwe ħsara li tirriżulta minn data pproċessata illegalment li tikkonċernahom fi kwalunkwe pajjiż ta' Schengen. Aktar informazzjoni dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data hi disponibbli fil-Gwida għall-eżerċitar tad-dritt ta' aċċess.




# Issaħħaħ il-kontrolli fil-fruntieri esterni

Il-funzjonalitajiet addizzjonali tas-SIS dwar **il-marki tas-swaba' u d-dokumenti ta' identifikazzjoni personali** jippermettu lill-gwardji tal-fruntiera jaċċertaw jekk ċittadini mhux tal-UE humiex soġġetti għal allerti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn jew li huma ta' theddid għas-sigurtà; u jidentifikaw dokumenti possibbilment iffalsifikati għall-verifika. L-awtoritajiet isibuha aktar faċli li jqabblu allerti dwar ċittadini tal-UE li huma mfittxija jew suspettati b'reat.

©European Union, 2022
Reuse of this document is allowed, provided appropriate credit is given and any changes are indicated (Creative Commons Attribution 4.0 International license).
All images ©European Union, unless otherwise stated.
PDF: DR-07-22-710-MT-N | ISBN:978-92-76-54857-7 | DOI:10.2837/850377